**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 176/12VG**

**XXX**

**Vs**

**Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**Illum 5 ta' Gunju 2018**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikorsipprezentat minn XXX fis-16 ta' Mejju 2011 quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, in segwitu trasferit quddiem dan it-Tribunal, permezz ta' liema titlob li l-istimi mahruga fil-konfront taghha mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perijodi ta' taxxa 01.10.04 sa' 31.01.05 u 01.05.06 sa' 31.07.06 jigu kkancellati in kwantu: (i) l-istima ghall-perijodu ta' taxxa 01.10.04 sa' 31.01.05 hija preskritta; u in kwantu (ii) ma hija dovuta l-ebda taxxa, penali amministrattiva w imghax ghall-perijodu ta' taxxa 01.05.06 sa' 31.07.06, bl-ispejjez kontra l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

Ra l-istimi mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fil-konfront tar-Rikorrenti ghall-perijodi ta' taxxa 01.10.04 sa' 31.01.05 u 01.05.06 sa' 31.07.06 annessi mar-Rikors promotur;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud permezz ta' liema jopponi ghall-appell tar-Rikorrenti mill-istimi mahruga fil-konfront taghha ghall-perijodi ta' taxxa 01.10.04 sa' 31.01.05 u 01.05.06 sa' 31.07.06 u jitlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra taghha, stante li l-imsemmija stimi huma gusti u jisthoqqilhom konferma;

Ra l-Credit Control Report fir-rigward tar-Rikorrenti anness mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

Ra li waqt is-seduta tal-11 ta' Lulju 2012 id-difensur tar-Rikorrenti rtirat l-ewwel aggravju ta' l-appell, ossia li l-istima ghall-perijodu ta' taxxa 01.10.04 sa' 31.01.05 hija preskritta, izda zammet ferm l-aggravju fil-mertu;

Sema' x-xhieda ta' Andrew XXX moghtija waqt is-seduti tal-11 ta' Lulju 2012[1] u tat-13 ta' Novembru 2012[2] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "AG1" sa' Dok. "AG4" a fol. 22 sa' 58 tal-process, sema' x-xhieda ta' Ramon Francalanza in rapprezentanza tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) moghtija waqt is-seduti tad-9 ta' Jannar 2014[3] u tat-13 ta' Novembru 2014[4] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "RF1" sa' Dok. "RF3" a fol. 76 sa' 78 tal-process u ra d-dokumenti esebiti mill-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' Nota pprezentata fit-13 ta' Novembru 2014 a fol. 79 sa' 84 tal-process;

Sema' t-trattazzjoni finali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrenti tikkontesta zewg stimi mahruga fil-konfront taghha mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud[5]: wahda ghall-perijodu ta' taxxa 01.10.04 sa' 31.01.05 permezz ta' liema qed tigi mitluba thallas is-somma ta' €4,595.69 bhala taxxa flimkien mas-somma ta' €919.14 bhala penali amministrattiva u s-somma ta' €2,688.77 bhala imghax u ohra ghall-perijodu ta' taxxa 01.05.06 sa' 31.07.06 permezz ta' liema qed tigi mitluba thallas is-somma ta' €234.29 bhala taxxa flimkien mas-somma ta' €46.86 bhala penali amministrattiva u s-somma ta' €113.04 bhala imghax. Ir-Rikorrenti titlob li l-imsemmija stimi jigu kkancellati stante li: (i) l-istima ghall-perijodu ta' taxxa 01.10.04 sa' 31.01.05 hija preskritta; u (ii) ebda taxxa, penali amministrattiva w imghax ma huma dovuti ghall-perijodu ta' taxxa 01.05.06 sa' 31.07.06. Hija tibbaza t-talbiet taghha fuq is-segwenti aggravji: (a) *zminijiet ta' taxxa 01.10.04 sa' 31.01.05 huma preskritti;* u (b) *l-appellant ma jaqbilx ma' l-istima tal-Kummissarju.*

Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, illum Kummissarju tat-Taxxi, jopponi ghall-appell tar-Rikorrenti mill-istimi mahruga fil-konfront taghha ghall-perijodi ta' taxxa 01.10.04 sa' 31.01.05 u 01.05.06 sa' 31.07.06 u jitlob li l-istess jigi michud stante li l-imsemmija stimi huma gusti u jithoqqilhom konferma.

Waqt is-seduta tal-11 ta' Lulju 2012[6], id-difensur tar-Rikorrenti rtirat l-ewwel aggravju ta' l-appell u cioè l-aggravju li l-istima ghall-perijodu ta' taxxa 01.10.04 sa' 31.01.05 hija preskritta u zammet ferm l-aggravju fil-mertu u ghaldaqstant b'din is-sentenza se jigi trattat u deciz l-aggravju fil-mertu sollevat mir-Rikorrenti.

F'tali rigward it-Tribunal josserva li skond kif gie impostat ir-Rikors promotur donnu li una volta li l-aggravju tal-preskrizzjoni referibilment ghall-istima ghall-perijodu ta' taxxa 01.10.04 sa' 31.01.05 gie rtirat, l-unika stima li qed tigi kkontestata fil-mertu hija l-istima ghall-perijodu ta' taxxa 01.05.06 sa' 31.07.06. In effetti l-aggravji tar-Rikorrenti huma appuntu li l-istima ghall-perijodu ta' taxxa 01.10.04 sa' 31.01.05 hija

[1] Fol. 10A sa' 10C tal-process.
[2] Fol. 16 sa' 21 tal-process.
[3] Fol. 63 sa' 70 tal-process.
[4] Fol. 85 sa' 87 tal-process.
[5] L-istimi mertu ta' dawn il-proceduri jinsabu annessi mar-Rikors promotur
[6] Fol. 9 tal-process.

preskritta u li hija ma taqbilx ma' l-istima mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u in bazi ghal tali aggravji titlob r-revoka ta' l-imsemmija stimi stante li: *il-perijodu 01.10.04 - 31.01.05 huwa preskritt u l-perijodu 01.05.06 -31.07.06 huwa nil*[7]. Detto ciò però it-Tribunal huwa tal-fehma li jekk l-intenzjoni tar-Rikorrenti hija li tikkontesta l-istima ghall-perijodu ta' taxxa 01.10.04 sa' 31.01.05 fil-mertu wkoll u r-Rikors promotur ghandu jinftiehem f'dan is-sens, tali kontestazzjoni tirrizulta ghal kollox insostenibbli u bhala tali ma tistax tigi milqugha peress illi fil-fehma tat-Tribunal l-istima mahruga fil-konfront tar-Rikorrenti ghall-imsemmija perijodu ta' taxxa hija gusta u korretta.

Mill-Credit Control Report anness mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jirrizulta li l-istimi ghall-perijodi ta' taxxa 01.10.04 sa' 31.01.05 u 01.05.06 sa' 31.07.06 inhargu in bazi ghas-segwenti konsiderazzjonijiet:

*The exercise covered tax period 01/10/2004 - 31/1/2005. The Profit and Loss account and all necessary documentation were requested. A confirmation of the input Vat has also been carried out to determine the validity of the purchases ledger. A casting exercise revealed that the net amount should be reduced from Lm20,713 to Lm18,820.89.* ***Sales Analysis*** *- The sales declared in the Vat return include all taxable supplies carried out in the normal course of the economic activity.* ***Purchases Analysis*** *- ICA and ICS - A verification was carried out with the VIES and recapitulative statement reports on the Vat console system to confirm the absence of EU acquisitions or supplies from the Vat returns. Purchases 18% - Mrs. XXX did not keep a proper ledger due to the short duration of the business activity. The purchase invoices were provided for examination so as to confirm the input tax amount of €1,637.55 (Lm703) shown in the Profit and Loss (Red 24). On the other hand the amount of Lm6,700 shown on the Profit and Loss account as opening stock does not match the amount of Lm10,415 as shown on tax invoice at Red 4. Two exercises were performed to calculate the VAT due to the department. In the absence of documentation presented, the mark up was established from the Profit and Loss account for year ending 31st December 2004. The mark up stood at 14% [Sales less cost of sales/cost of sales]. Table 1 to credit control report refers*[8]*.* ***Input Tax: Over-declared Purchases*** *were calculated after taking into consideration the difference between <u>actual purchases</u> claimed during VAT period 01/10/04 -31/01/05 and purchases which should have been declared during the same VAT period. Table 2 to the credit control report gives a clear explanation of how calculations have been derived.* ***Output Tax:*** *The* ***under-declared Sales*** *was calculated by taking the actual purchases made up of purchases during the year plus opening stock at RED 4 and 24 respectively. Once the actual purchases have been established, the mark-up of 14% identified in Table 1 was applied to come up with the deemed sales. The deemed sales were then compared to the actual sales as declared in Vat return. The difference of Lm4,257.38 are subject to normal VAT rates amounting to Lm766.47 or €1,785.39. Table 3 to the Credit Control refers.* ***<u>Deductions as per LN318/04:</u>*** *In addition to the above, since company applied for de-registration, any input vat claimed on capital goods should be adjusted to proportionately reflect the number of years enjoyed by the claimant against the five year period (in case of movable property) or twenty years (immovable property) as stipulated in the said provisions. In the case of*

---

[7] Rikors promotur.
[8] Pagna 3 ta' l-istess Credit Control Report, anness mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

*movable property, the regulations specify that a fifth of input VAT should be deducted in favour of the VAT registered person for each year of enjoyment. In this case, when applying regulation 3 of LN 318/04 the amount of deductible input vat is determined as follows: [26 months enjoyed by TP/60 months - movable property x input vat claimed re capital goods Lm177,48 = Lm76.90]. Ineligible input VAT amounts to Lm100.57 or €234.27. Table 4 refers.*

Minn konsiderazzjoni ta' dan il-Credit Control Report u tax-xhieda moghtija minn Ramon Francalanza[9], il-VAT Inspector responsabbli mill-Credit Control Exercise fil-konfront tar-Rikorrenti, jirrizulta b'mod car li l-konstatazzjonijiet, konsiderazzjonijiet u konsegwenti konkluzzjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud huma fil-maggor parti taghhom ibbazati fuq dokumenti, cifri w informazzjoni provduti mir-Rikorrenti stess u/jew zewgha.

Il-*mark-up* relattiv ghan-negozju gestit mir-Rikorrenti nhadem mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud a bazi tal-Profit & Loss Account ghall-perijodu l-1 ta' Ottubru 2004 sal-31 ta' Dicembru 2004 sottomess mir-Rikorrenti u ppreparat minn zewgha Andrew XXX[10]. Di fatti skond ic-cifri moghtija f'dan il-Profit & Loss Account ossia *Gross Profit* ta' Lm1,070, *Sales* ta' Lm8,473 u *Cost of Sales* ta' Lm7,403, il-Kummissarju - tramite l-VAT Inspector Ramon Francalanza - hareg b'*mark-up* ta' 14%. Bl-istess mod il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud wasal ghall-valur ta' *over-declared purchases* a bazi ta' dak dikjarat mir-Rikorrenti fid-denunzja tat-taxxa taghha ghall-perijodu ta' taxxa 01.10.04 sa' 31.01.05[11] u tal-korrezzjoni minnha mitluba fid-29 ta' April 2005[12] kif ukoll a bazi tal-Profit & Loss Account ghall-perijodu l-1 ta' Ottubru 2014 sal-31 ta' Dicembru 2004 u l-fattura mahruga minn Kenneth Xuereb datata l-1 ta' Settembru 2004[13].

Mid-denunzja tat-taxxa u mill-korrezzjoni mitluba jirrizulta li ghall-perijodu ta' taxxa 01.10.04 sa' 31.01.05 ir-Rikorrenti ddikjarat *purchases* fl-ammont komplessiv ta' Lm20,703. In segwitu ghal *casting exercise* da parte tal-Kummissarju, fejn tqabblu l-akkwisti dikjarati ma' l-akkwisti li effettivament saru, irrizulta li l-ammont ta' *purchases* kellu jonqos minn Lm20,703 ghal Lm18,820.89[14]. Meta dan l-ammont ta' *purchases* gie pparagunat mad-dokumentazzjoni sottomessa mir-Rikorrenti in sostenn tal-*claim* taghha ghall-input tax, ossia l-Profit & Loss Account u l-fattura mahruga minn Kenneth Xuereb, irrizulta li l-ammont ta' Lm6,667.89 minnha dikjarat ghall-finijiet ta' kreditu ghal input tax baqa' mhux gustifikat u ghaldaqstant kreditu ghal input tax fl-ammont ta' Lm1,206.46, ekwivalenti ghal €2,810.30, ma giex accettat.

Ghall-finijiet ta' l-*under-declared sales* il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud mill-gdid hadem fuq il-Profit & Loss Account ghall-perijodu l-1 ta' Ottubru 2004 sal-31 ta' Dicembru 2004 sottomess mir-Rikorrenti, fuq il-fattura mahruga minn Kenneth Xuereb u fuq is-*sales* kif dikjarati fid-denunzja tat-taxxa tar-Rikorrenti ghall-perijodu ta' taxxa in kwistjoni. Di fatti meta l-Kummissarju hareg bil-figura ta' *actual purchases* kif rizultanti mid-dokumentazzjoni sottomessa mir-Rikorrenti, huwa applika l-*mark-*

[9] Seduta tad-9 ta' Jannar 2014, fol. 63 sa' 70 tal-process u sedta tat-13 ta' Novembru 2014, fol. 85 sa' 87 tal-process.
[10] Dok. "AG2" a fol. 55 tal-process u vide xhieda moghtija minn Andrew Gilford waqt is-seduta tat-13 ta' Novembru 2012, fol. 16 sa' 21 tal-process.
[11] Dok. "AG3" a fol. 56 tal-process.
[12] Dok. "AG4" a fol. 57 tal-process.
[13] Fol. 58 tal-process.
[14] Vide xhieda ta' Ramon Francalanza moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar 2014, fol. 63 sa' 70 tal-process.

*up* ta' 14%, mahdum kif iktar 'l fuq osservat a bazi tal-Profit & Loss Account sottomess mir-Rikorrenti, biex hareg valur ta' *deemed sales* ta' Lm12,730.38. Peress illi fid-denunzja tat-taxxa taghha ghall-perijodu ta' taxxa 01.10.04 sa' 31.01.05 ir-Rikorrenti iddikjarat *sales* fl-ammont ta' Lm8,473.00, irrizultat diskrepanza u b'hekk *under-declared sales* fl-ammont ta' Lm4,257.38 bil-konsegwenza ghalhekk li hija dovuta output tax fl-ammont ta' Lm766.47, ekwivalenti ghal €1,785.39.

Ladarba jirrizulta b'mod car kemm mill-atti kif ukoll mix-xhieda ta' Ramon Francalanza li l-ammonti dovuti mir-Rikorrenti rrizultaw minn u nhadmu a bazi ta' dokumentazzjoni sottomessa minnha stess, ma hemmx dubju li l-oneru tal-prova li l-istima mahruga fil-konfront taghha ghall-perijodu ta' taxxa 01.10.04 sa' 31.01.05 hija eccessiva, issa jinkombi esklussivament fuqha. Fil-fehma tat-Tribunal però dan l-oneru ma giex minnha sodisfatt.

Waqt it-trattazzjoni orali r-Rikorrenti ssottomettiet li l-figuri indikati fil-Profit & Loss Account ghall-perijodu l-1 ta' Ottubru 2004 sal-31 ta' Dicembru 2004 ma kienux korretti jew ma gewx interpretati b'mod korrett ghaliex kien hemm il-VAT inkluza fihom. Ghalkemm giet avvanzata tali sottomissjoni però r-Rikorrenti ma ressqitx prova sodisfacenti fir-rigward. Andrew XXX, ir-ragel tar-Rikorrenti u l-persuna li jidher li kien jiehu hsieb il-lat finanzjarju, ghall-inqas sa' fejn kien kapaci jaghmel hekk, tan-negozju gestit minnha, ma kienx f'posizzjoni jaghti stampa cara u konkreta ta' tali affermazzjoni.

Dawr il-kwistjoni jekk l-ammonti minnu dikjarati fil-Profit & Loss Account ghall-perijodu l-1 ta' Ottubru 2004 sal-31 ta' Dicembru 2004 kienux jinkludu l-VAT o meno, mistoqsi *meta inti qed tghidli opening stock kien ta' sitt selef u seba' mija, ... meta ghandek hawn dan it-total ta' sitt elef u seba' mija, dawk kienu bil-VAT jew minghajr VAT, meta nizzilt hemmhekk sitt elef u mija?* Andrew XXX semplicement wiegeb *jien dawn il-flus li tajt lil Kenneth. ... Il-flus li tajtu.* Fuq domanda tat-Tribunal *jigifieri ma tistax tghid jekk l-istock hadtux bil-VAT jew minghajr VAT?* Andrew XXX rega wiegeb *jien dawn il-flus li tajt lilhom. Jien Sinjura Magistrat qalli tini dawn, u tajtu dawk.* Mistoqsi mill-gdid *meta inti ghamilt ir-return tal-VAT, inti nizzilt sebat elef u erba' mija, imbaghad nizzilt li taxxa tal-VAT elf tlett mija u tletin, kont taf li inti dawk is-sebat elef u erba' mija kienux jinkludu l-VAT jew le, min ghamilha din l-ewwel haga?* Andrew XXX wiegeb *dik ghamilta jiena, kien hemm wiehed staqsejtu u qalli x'ghandi naghmel. Immagina dan jien kull m'ghamilt tlett xhur nopera l-hanut. Jien m'inix intiz anzi tant m'inix intiz li gibtilkom kollox ghax jien m'inix ta' dawn l-affartijiet.* Mistoqsi ghal darb' ohra *jigifieri meta inti nizzilt ir-return tieghek sebat elef u erba' mija, nghid sew, mela inti tivverifika li nizzilt seba elef u erba' mija skond ma tajt lil Kenneth u ma kontx taf fihiex il-VAT u x'ma fihiex il-VAT?* XXX irrisponda *jien nimmagina, ta' bniedem semplici li jien, li l-flus li tajtu nimmagina li fihom il-VAT. Jien tajthom lilu jien, mhux hekk jigi ta' injorant li jien. Jien ma nifhimx ta*[15].

Ghalkemm fix-xhieda tieghu Andrew XXX iddikjara li ghall-istock akkwistat minghand Kenneth Xeureb thallas il-valur ta' madwar Lm6,000, minn fattura mahruga minn Kenneth Xuereb datata l-1 ta' Settembru 2004 u li a bazi taghha r-Rikorrenti talbet korrezzjoni fid-denunzja tat-taxxa taghha ghall-perijodu ta' taxxa 01.10.04 sa' 31.01.05 ghall-finijiet ta' kreditu ghal input tax, jirrizulta li Xuereb thallas ferm aktar minn

[15] Xhieda moghtija minn Andrew Gilford waqt is-seduta tat-13 ta' Novembru 2012, fol. 16 sa' 21 tal-process.

Lm6,000, izda Andrew XXX ma tax spjegazzjoni sodisfacenti ta' din id-diskrepanza. In risposta ghall-mistoqsija *x'tista' tghidilna fuqu tal-korrezzjoni?* wiegeb *dan il-kaz kien hekk, ha nerga' nghid l-istess. Dan jien peress li l-hanut ghaddejtu lil terzi persuni, lil ta' warajja u tajtu l-istock insomma u ghamilna l-istock taking ukoll, dak ta' warajja cempilli u qalli isma, hares, hawnhekk ghandna zball ghax inti trid taghtini l-flus tal-VAT. Ghidtlu naghtik il-flus tal-VAT? Jien ma jien ser naghtik xejn. Jien ta' qabli ma tani xejn, tajtu l-flus u tani l-istock. Jien qbadt it-telefon u cempilt lil min tahuli. Min tahuli lili qalli hares, qalli, thabbel rasek xejn, qalli issa naghmillek karta, tiha lil tal-VAT u qalli u jaghtihomlok. Jien ghaddejt l-ircevuta lil ta' warajja u tajt lil Kenneth id-differenza u jien bqajt b'xejn hi. Mhux talli hekk, talli dhalt f'hafna bahar ta' inkwiet jien.* In kontro-ezami Andrew XXX xehed ulterjorment illi *jien operajt il-hanut minn Ottubru sa' Dicembru, fil-hmistax ta' Jannar meta ghaddejt il-hanut lil Bonello noramli tajtu l-istock, tani l-flus u barra bid-daqqa, kif Marlon, kien April jew Mejju, gie biex jimla l-ewwel karta tal-VAT u mar bl-istock ghand l-accountant, l-accountant qallu hawnhekk irid jaghtik id-differenza tal-VAT. Jien cempilt lil Kenneth peress li Marlon qalli b'din il-bicca xoghol tal-VAT. Jien cempilt lil Kenneth u Kenneth qalli thabbel rasek xejn, issa naghmillek karta u l-karta ghaddiha lil tal-VAT. Dan il-kaz kien Mejju, Gunju, imbaghad bghatt il-karta lil tal-VAT u sakemm jibghatuhomli, b'hekk ghadda z-zmien.* Andrew XXX ikkonferma li l-kreditu minnu mitlub bis-sahha tal-korrezzjoni nghata lilu u xehed illi *iva tawomli lili. Issa jien ghandi rcevuta li ghaddejt lil Marlon bil-firma tieghu, kemm ghaddejtlu flus u ta' Kenneth.* Bazikament jirrizulta li l-flus li rcieva minghand id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud qassamhom bejnu, Kenneth Xuereb u dan Marlon lil min jidher li ttrasferixxa n-negozju wara li r-Rikorrenti kienet ilha tlett xhur toperah.

Mix-xhieda ta' Andrew XXX ma jirrizulta l-ebda element u wisq inqas ebda prova li twassal lit-Tribunal biex iqis li l-konsiderazzjonijiet u konsegwenti konstatazzjonijiet maghmula mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud tramite l-VAT Inspector Ramon Francalanza fir-rigward tar-Rikorrenti u d-dikjarazzjonijiet maghmula minnha huma zbaljati jew erroneji u konsegwentement ghalhekk ma tirrizulta l-ebda prova li turi li l-istima mahruga fil-konfront tar-Rikorrenti ghall-perijodu ta' taxxa 01.10.04 sa' 31.01.05 hija eccessiva.

Apparte l-istima ghall-perijodu ta' taxxa 01.10.04 sa' 31.01.05 il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud hareg stima ohra fil-konfront tar-Rikorrenti, stima din ghall-perijodu ta' taxxa 01.05.06 sa' 31.07.06 permezz ta' liema jitlob il-hlas tas-somma ta' €234.29 bhala taxxa flimkien mas-somma ta' €46.86 bhala penali amministrattiva u s-somma ta' €113.04 bhala imghax. Din l-istima tirreferi ghall-aggustament li ghandu x'jaqsam ma' oggetti kapitali stante li r-Rikorrenti, wara ftit xhur ta' operat, talbet ghad-*deregistration* tan-numru tal-VAT taghha u ghaldaqstant dahlu fis-sehh il-provvedimenti ta' l-Avviz Legali 318 ta' l-2004.

A tenur ta' l-Artikolu 22 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta r-Rikorrenti ddikjarat ghall-fini ta' kreditu ghal input tax diversi akkwisti maghmula minnha ghall-fini li jintuzaw fil-kors ta' l-attività ekonomika taghha. Din id-dikjarazzjoni u konsegwenti talba ghall-kreditu ghal input tax saret tramite l-korrezzjoni mitluba fid-29 ta' April 2005. Fost dawn l-akkwisti kien hemm - u b'hekk gie dikjarat - l-akkwist ta' *furniture & fittings* li ghall-finijiet tal-Ligi huma kkunsidrati bhala *capital goods*. Bis-sahha ta' tali dikjarazzjoni r-Rikorrenti ottjeniet kreditu ghal input tax fil-valur ta' Lm177.48. Madanakollu però ai termini tal-Ligi, senjatament ta' l-imsemmi Avviz Legali 318 ta' l-2004, tali tnaqqis huwa suscettibbli ghal aggustament kemm-il darba matul il-perijodu

ta' hames snin, ghax hawn si tratta ta' oggetti mobbli, li jibda jghodd mill-ewwel jum ta' l-ewwel xahar taz-zmien ta' taxxa li matulu jinholoq id-dritt ghat-tnaqqis, *inter alia,* il-persuna taxxabbli - kif kienet ir-Rikorrenti - issir persuna mhux taxxabbli - kif saret ir-Rikorrenti meta talbet ghad-*deregistration* tan-numru tal-VAT [16]. L-aggustament relattiv jinhadem b'formula specifika li tirrizulta mill-Ligi u l-ammont rizultanti jitqies bhala *ineligible input tax.*

B'hekk l-istima ghall-perijodu ta' taxxa 01.05.06 sa' 31.07.06, ma hija xejn ghajr stima li nhadmet ai termini tal-Ligi fid-dawl tac-cirkostanzi kif sehhew ossia li r-Rikorrenti *qua* persuna registrata, talbet kreditu ghal input tax relattiv, fost affarijiet ohra, ghal *capital goods* akkwistati ghall-fini li jintuzaw fil-kors ta' l-attività ekonomika taghha, izda imbaghad entro perijodu ta' inqas minn hames snin mill-perijodu rilevanti ai termini tal-Ligi, talbet ghad-*deregistration* tan-numru tal-VAT taghha. Fid-dawl ta' tali cirkostanzi u fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Avviz Legali 318 ta' l-2004[17], il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghamel l-aggustament relattiv biex irrizulta *ineligible input vat* fl-ammont ta' Lm100.57, ekwivalenti ghal €234.29.

Ghaldaqstant, l-istima mahruga fil-konfront tar-Rikorrenti ghall-perijodu ta' taxxa 01.05.06 sa' 31.07.06 ukoll ma tistax titqies li hija eccessiva in kwantu hija stima ibbazata fuq provvedimenti legali cari rizultanti mill-Avviz Legali 318 ta' l-2004.

Fid-dawl ta' dawn kollu osservat ghalhekk jirrizulta li l-appell tar-Rikorrenti mill-istimi mahruga fil-konfront taghha mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perijodi ta' taxxa 01.10.04 sa' 31.01.05 u 01.05.06 sa' 31.07.06 ma huwiex gustifikat u b'hekk ma jisthoqqx li jigi milqugh.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell tar-Rikorrenti mill-istimi mahruga fil-konfront taghha mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perijodi ta' taxxa 01.10.04 sa' 31.01.05 u 01.05.06 sa' 31.07.06 u minflok jikkonferma l-istess imsemmija stimi.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mir-Rikorrenti.

A tenur ta' l-Artikolu 2(4) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li kopja ta' din id-decizjoni tigi notifikata lir-Rikorrenti.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**

---

[16] Regolament 3(a) u Regolament 4(e) ta' l-Avviz Legali 318/04.
[17] Legislazzjoni Sussidjarja 406.12.